MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 927/2007

Carmelo Grima (KI572546M) bhala mandatarju tal-assenti ibnu Carmelo Grima (KI607082M).

Vs

Alfred Calamatta.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ta' elf, mija u sittax il-Lira Maltin u sittax il-centezmu (Lm1116.16) minghand il-konvenut u dana wara li ppremetta li huwa xtara garage li jinsab fi numru 5 Vienna Flats, Triq il-Bufula, San Gwann minghand Ray Micallef u Antonia Micallef bil-kundizzjoni li jonora l-ftehim ta' kirja li Ray Micallef kellu mal-konvenut liema ftehim hu datat 22 ta' Marzu 2001 u kien jiskadi fil-21 ta' Marzu 2006. Izda l-konvenut zamm l-istess garage u ghamel uzu minnu sal-24 ta' Ottubru 2007 u ghalhekk l-attur jippretendi l-hlas tal-kera ghal dan il-perjodu. Illi l-ftehim

jghid li l-kera hi ta’ seba mitt lira Maltin (Lm700) fis-sena. Il-konvenut gie interpellat jirritorna c-cwievet u anki jhallas izda baqa inadempjenti dwar il-hlas u rritorna c-cwievet fl-24 ta’ Ottubru 2007. Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi:- 1. primarjament Carmelo Grima jrid jipprova li hu gie debitament awtorizzat sabiex jidher ghall-assenti ibnu Carmelo Grima u jrid jipprova ukoll li ibnu huwa assenti; 2. illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma huwiex minnu li l-attur ma giex integrat fil-pussess tal-garaxx in kwistjoni kif lanqas ma huwa minnu li l-konvenut baqa’ juza l-istess garaxx wara t-terminu tal-kuntratt ta’ kirja u dan kif ser jigi pruvat fil-kors tal-kawza; 3. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost anki kieku ghall-grazzja ta’ l-argument biss l-konvenut baqa’ jokkupa l-fond in kwistjoni ghal xi zmien bla titolu, l-pretensjoni tal-attur ghal hlas ta’ kera hija bla bazi u ghandha tigi respinta in kwantu l-kuntratt ta’ lokazzjoni in kwistjoni skada fil-21 ta’ Marzu 2006 kif jirrizulta anki mit-talba ta’ l-attur stess. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-affidavit ta’ Raymond Micallef prodott mill-attur nomine.

Sema’ x-xhieda tal-attur Carmelo Grima.

Sema’ x-xhieda ta’ Josephine Grima prodotta mill-attur.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut Alfred Calamatta.

Ra d-dokumenti kollha li gew ipprezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, dan it-Tribunal jidhirlu li fl-ewwel lok, u in vista ta’ l-ewwel

eccezzjoni tal-konvenut, gie ppruvat sal-grad mitlub fil-ligi, li l-attur nomine kien gie debitament awtorizzat sabiex jidher ghan-nom ta' ibnu Carmelo Grima, u dana permezz ta' prokura generali moghtija favur l-attur nomine minn ibnu stess datata 14 ta' Awissu 2007 (Dok. A).

Illi madankollu u fir-rigward tal-istess eccezzjoni, ma jirrizulta minn imkien mill-provi li t-tifel tat-attur nomine, u cioe Carmelo Grima, kien imsiefer minn Malta fiz-zmien meta saret il-kawza, u li ghalhekk ma setax jipprocedi kontra l-konvenut direttament hu. Anzi, skond ix-xhieda tal-attur nomine stess, jidher li l-unika raguni ghalfejn l-attur nomine kien dahal fl-istorja minnflok ibnu kienet illi dan ta' l-ahhar kien qieghed jaghmel it-tezi tieghu gewwa l-Universita'.

Illi l-Artikolu 1866 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta), jiddisponi hekk kif gej:-

*'**Izda, l-mandatarju ma jistax joqoghod fil-kawza, bhala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, ghalkemm dan ikun tah din is-setgha, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gzira li fiha l-kawza ghandha ssir**, bla hsara dejjem ta' dak li jinghad fl-artikolu 786 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; izda mandatarju taht mandat irrevokabbli moghti bhala garanzija ghat-twettiq ta' obligazzjoni jista' jiftah kawza f'isem il-mandant irrispettivament minn din id-dispozizzjoni sabiex jipprotegi jew jenforza d-drittijiet garantiti bil-mandat.'*

Illi ghalhekk huwa car li l-attur nomine ma setax jipprocedi kontra l-konvenut ghan-nom tat-tifel tieghu, peress illi dan ma kienx effettivament nieqes minn Malta, u se mai kellu jkun proprju iben l-attur nomine li jipprocedi direttament kontra l-konvenut. B'hekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi milqugha.

Illi fir-rigward tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut, jirrizulta ampjament car mill-provi, li l-lokazzjoni tal-fond in kwistjoni skada fil-21 ta' Marzu tas-sena 2006.

Madankollu kif jinghad car fil-kawzali stess, l-attur qed jitlob il-hlas ta' **kera** minghand il-konvenut meta jinghad testwalment hekk:- '*Izda l-konvenut zamm l-istess garage u ghamel uzu minnu sal-24 ta' Ottubru 2007 u li ghalhekk l-attur jippretendi l-hlas tal-kera ghal dan il-perjodu.'*

It-Tribunal jidhirlu li din it-talba ghal hlas ta' kera minghand il-konvenut saret hazina u ma setghet qatt issir minn-naha tal-attur nomine, ghaliex il-lokazzjoni kienet gja giet terminata. Se mai, l-attur messu mexa kontra l-konvenut u talab danni u/jew kumpens ghal okkupazzjoni bla titolu – jekk verament kien hemm tali okkupazzjoni. Ghalhekk anki t-tielet eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi milqugha.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal ma jhossx li ghandu jidhol fil-mertu u fil-kwistjoni jekk il-konvenut kienx verament qed jokkupa l-garage in kwistjoni wara li ghadda t-terminu tal-kuntratt ta' kera, peress illi fid-dawl ta' dak li jinghad izjed 'l fuq, huwa car li t-talba attrici ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut, u b'hekk jichad it-talba attrici. L-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------